



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 16.12.2014  
COM(2014) 726 final

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2014/014 DE/Aleo Solar)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli li japplikaw għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) 1927/2006<sup>1</sup> (Ir-"Regolament dwar l-FEG").
2. L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettew l-applikazzjoni EGF/2014/014 DE/Aleo Solar għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f'aleo solar AG u f'żewġ sussidjarji tagħha fil-Ġermanja.
3. Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar l-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

### SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

L-applikazzjoni tal-FEG	EGF/2014/014 DE/Aleo Solar
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun(i) inkwistjoni (Livell NUTS 2)	Brandenburg (DE 40) u Weser-Ems (DE 94)
Data tat-tressiq tal-applikazzjoni	29.7.2014
Id-data ta' konferma tar-riċevuta tal-applikazzjoni	4.8.2014
Id-data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	11.8.2014
Skadenza għall-għoti ta' aktar informazzjoni	23.9.2014
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	16.12.2014
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament dwar l-FEG
Intrapriża ewlenija	aleo solar AG
Is-settur(i) tal-attività ekonomika (diviżjoni tan-NACE Rev. 2) <sup>2</sup>	Diviżjoni 26 ("Il-manifattura ta' kompjuters, prodotti elettroniċi u ottiċi")
Għadd ta' sussidjarji, fornituri u produttori iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet tal-produzzjoni	2
Il-perjodu ta' referenza (erba' xhur)	7 ta' Marzu 2014 - 7 ta' Lulju 2014
L-għadd ta' sensji u terminazzjonijiet ta' attività matul il-perjodu ta' referenza (a):	657
Għadd ta' sensji u terminazzjonijiet ta' attività qabel u wara l-perjodu ta' referenza (b)	0
Għadd totali ta' sensji u terminazzjonijiet ta' attività (a + b)	657
Stima tat-total tal-għadd ta' benefiċjarji fil-mira	476

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Għadd ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs) fil-mira	0
Baġit għas-servizzi personalizzati (EUR)	1 719 601
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG <sup>3</sup> (EUR)	105 000
Baġit totali (EUR)	1 824 601
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	1 094 760

## VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

### Proċedura

4. L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettew l-applikazzjoni EGF/2014/014 DE/Aleo Solar fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha l-kriterji ta' intervent ta' hawn taħt ġew issodisfati, fid-29 ta' Lulju 2014. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-wasla tal-applikazzjoni fi żmien ġimgħatejn mid-data tat-tressiq tal-applikazzjoni, fl-4 ta' Awwissu 2014, u talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Ġermaniżi fil-11 ta' Awwissu 2014. Din l-informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien sitt ġimgħat mid-data tat-talba. L-iskadenza ta' 12-il ġimgħa mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta li fiha l-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tagħlaq fil-16 ta' Diċembru 2014.

### Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

#### *L-impriżi u l-benefiċjarji kkonċernati*

5. L-applikazzjoni tikkonċerna 657 ħaddiem li nġhataw is-sensja f'aleo solar AG u ż-żewġ sussidjarji tagħha aleo solar Dritte Produktion GmbH (Prenzlau) u aleo solar Deutschland GmbH (Oldenburg). Aleo solar kienet topera fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-diviżjoni 26 tan-NACE Rev. 2 ('Manifattura ta' prodotti tal-kompjuter, elettroniki u ottiċi'). Is-sensji mogħtija mill-intrapriża kkonċernata jinsabu fir-reġjuni tan-NUTS<sup>4</sup> tal-livell 2 ta' Brandenburg (DE 40) u Weser-Ems (DE 94).

Intrapriżi u għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza	
aleo solar AG	390
aleo solar Dritte Produktion GmbH	163
aleo solar Deutschland GmbH	104
Għadd totali ta' impriżi: 3	Għadd totali ta' sensji: 657
Għadd totali ta' persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet:	0
Għadd totali ta' ħaddiema eliġibbli u ta' persuni li jaħdmu għal rashom eliġibbli:	657

#### *Il-kriterji ta' intervent*

<sup>3</sup> Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqasim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

6. L-awtoritajiet Ġermaniżi ssottomettew l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament dwar l-FEG, li jeħtieġ li tal-inqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja jew li titwaqqaf l-attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom, tul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, f'impriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema li jingħataw is-sensja u/jew it-terminazzjoni tal-attività ta' persuni li jaħdmu għal rashom fost il-fornituri u l-produtturi iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet tal-produzzjoni tagħha.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur huwa mill-7 ta' Marzu 2014 sal-7 ta' Lulju 2014.
8. L-applikazzjoni tikkonċerna 390 ħaddiem li ngħataw is-sensja<sup>5</sup> f'aleo solar AG matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, u 267 ħaddiema li ngħataw is-sensja f'żewġ sussidjarji tagħha matul l-istess perjodu ta' referenza.

Il-kalkolu tas-sensji u tat-terminazzjonijiet ta' attività

9. L-għotjiet tas-sensji ġew ikkalkulati kif ġej:
  - is-657 ħaddiema kollha ġew ikkunsidrati bħala ssensjati mid-data tan-notifika individwali tal-impjegatur dwar it-tkeċċija jew it-terminazzjoni tal-kuntratt tal-impjeg tal-ħaddiem.

Benefiċjarji eliġibbli

10. L-applikazzjoni ma tinkludi l-ebda sensji oħra qabel jew wara l-perjodu ta' referenza.
11. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 657.

Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni

12. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni, il-Ġermanja tiddikjara li aleo solar kienet kumpanija Ġermaniża fi ħdan ir-*Robert Bosch Group*, li kellu wkoll impjanti ta' produzzjoni fi Spanja, l-Italja, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-Awstralja u l-Ingilterra, li bosta minnhom ġew mibjugħa fl-aħħar ftit snin.
13. Hija biss waħda minn ħafna intrapriżi solari Ewropej li saru insolventi, ħarġu min-negożju solari, waqqfu l-produzzjoni totalment jew parzjalment, jew ġew mibjugħa lil investituri Ċiniżi tul dawn l-aħħar snin (mill-2010). L-Indiċi ta' Tkabbir Sostenibbli tal-Kumpaniji fil-Qasam Fotovoltajku (PV) għall-2011<sup>6</sup> jikkonkludi li "id-dħul totali aggregat ta' kull waħda mit-33 kumpaniji PV fl-istudju<sup>7</sup> żdied b'79% minn \$ 21 biljun għal \$ 36 biljun (2005-2011) f'suq fejn l-installazzjonijiet kibru b'129%. Il-kumpaniji Ċiniżi u Tajwaniżi kienu kapaċi jkabbbru d-dħul b'rata aktar mgħaġġla mill-kumpaniji tal-Istati Uniti u daww Ġermaniżi. Is-sehem tas-suq tal-kumpaniji Ġermaniżi kompli jonqos. Il-kumpaniji tal-Istati Uniti tal-Amerika ċedew is-sehem fis-suq wara erba' snin ta' qligħ." Għaldaqstant, bejn l-2005 u l-2011, is-sehem tad-dħul taċ-Ċina żdied minn 11% għal 45% filwaqt li dak tal-Ġermanja waqa' minn 64% għal 21%. L-uniku Stat Membru ieħor tal-UE bi produzzjoni sinifikanti biżżejjed li tiġi elenkata huwa Spanja, b'1%.

<sup>5</sup> Skont it-tifsira tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament dwar l-FEG.

<sup>6</sup> [http://www.pwc.com/en\\_US/us/technology/assets/pwc-pv-sustainable-growth-index.pdf](http://www.pwc.com/en_US/us/technology/assets/pwc-pv-sustainable-growth-index.pdf)

<sup>7</sup> L-akbar 33 kumpanija solari negożjati pubblikament fid-dinja kollha skont il-prestazzjoni tat-tkabbir u l-effiċjenza operazzjonali u finanzjarja tagħhom

14. Iċ-Ċina akkumulat kapaċitajiet eċċessivi bil-kbir fil-moduli solari, li la l-konsumaturi tagħha stess u lanqas is-suq dinji ma jistgħu jassorbu; dan, flimkien mat-tnaqqis fid-domanda dinjija, wassal għal kollass fil-prezzijiet. Bħala riżultat tal-appoġġ finanzjarju disponibbli lokalment għall-manifatturi fiċ-Ċina, u l-prijorità mogħtija lil dan is-settur mill-pjan ta' 5 snin (2011-2015) attwali Ċiniż, dawn il-kumpaniji huma kapaċi jkempaw u jikbru billi jbiegħu l-prodotti tagħhom bi prezzijiet baxxi fi swieq barranin. Aktar minn 90 % tal-produzzjoni Ċiniża tiġi esportata, u minn din, 80 % hija esportata lejn l-UE. Fl-2011, il-prezzijiet tal-UE naqsu b'40 % meta mqabbla mal-2010, għal livell taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' aleo solar. Fl-2013, l-UE approvat dazji addizzjonali fuq moduli solari li joriġinaw miċ-Ċina, u prezz minimu li, madankollu, għadu taħt l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-produtturi Ġermaniżi.
15. Fl-2010, Aleo solar kellha fatturat ta' EUR 550 miljun u profitt ta' EUR 43 miljun; dawn bdew jonqsu b'mod mgħaġġel mill-2011, u sal-2013 il-kumpanija ġarrbet telf ta' EUR 92 miljun. Sadanittant, l-impjiegi fil-kumpanija naqsu minn 995 fl-2011 għal 740 fl-2013. Minkejja diversi sforzi biex l-effiċjenza tiġi rristrutturata u mtejba, il-kumpanija ma rnexxilhiex terġa' lura għall-profittabilità, u l-prospetti għall-futur ma tjeibux. Aleo solar bdiet il-likwidazzjoni u għalqet jew biegħet il-faċilitajiet tagħha, filwaqt li xi kumpaniji solari Ġermaniżi oħra li qed jitħabtu ma' telf mexxew il-produzzjoni lejn il-Lvant Imbiegħed, pereżempju l-Malażja.
16. Sal-lum, il-manifattura tal-moduli solari kienet is-suġġett ta' żewġ applikazzjonijiet tal-FEG (inkluża din), li t-tnejn li huma ġew ibbażati fuq il-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ.

Avvenimenti li wasslu għas-sensji u għat-terminazzjonijiet ta' attività

17. L-avvenimenti li wasslu għas-sensji huma l-għeluq taż-żewġ siti fil-Ġermanja ta' aleo solar -- il-faċilità fi Prenzlau (553 sensja) u ċ-ċentru amministrattiv ta' Oldenburg (104 sensja). Is-sit tal-produzzjoni f'Prenzlau sadanittant inbiegħ mill-likwidatur lil konsorzju Asjatiku, li ħaddem mill-ġdid 164 minn dawk il-ħaddiema issensjati minn aleo solar. Dawn il-ħaddiema, għalkemm għalissa ġew impjegati mill-ġdid, xorta waħda huma eliġibbli li jipparteċipaw fil-miżuri tal-FEG (sakemm dawn ikunu kumpatibbli mal-ħinijiet tax-xogħol tagħhom), minħabba li s-sigurtà tal-impjieg il-ġdid tagħhom mhix ċerta.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

18. Is-sensji għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija reġjonali fi Prenzlau / Brandenburg. Din iż-żona hija kkaratterizzata minn densità ta' popolazzjoni relattivament baxxa (41/km vs il-medja nazzjonali ta' 84/km). Iż-żona għandha l-iktar intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u 10 intrapriżi biss (0.3 %) għandhom aktar minn 249 ħaddiem. Aleo solar kienet waħda minn dawn l-impjegaturi maġġuri, u m'hemmx prospetti immedjati li l-ħaddiema li tilfu xogħolhom isibu impjiegi ġodda ekwivalenti.
19. Is-setturi ewlenin fir-reġjun huma l-agrikoltura (inkluż il-produzzjoni organika), it-turiżmu, iż-żejt minerali u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Id-dħul ras imb'ras huwa sew taħt il-medja nazzjonali. Iż-żoni ta' Uckermark u Prenzlau għandhom l-ogħla rati ta' qgħad tal-Ġermanja, b'15.5 u 16.4 % rispettivament (Mejju 2014). Peress li l-ħaddiema li ssieħbu mal-kumpanija ta' trasferiment u li bdew il-miżuri li l-FEG qed jintalab jappoġġja mhumiex inklużi fir-rata tal-qgħad, din kieku tkun ogħla b'0.9 % jekk dawn il-ħaddiema jiġu inklużi wkoll. Ir-riskju ta' qgħad fit-tul għall-

ħaddiema li ngħataw is-sensja huwa għoli. Għaldaqstant, il-miżuri se jħeġġu lill-ħaddiema biex iħarsu lil hinn miż-żona immedjata tagħhom u jaċċettaw offerti ta' xogħol fejn dawn jafu jfeġġu.

20. Is-sitwazzjoni tal-impjiegi hija ferm iktar promettenti fiż-żona ta' Oldenburg, fejn kienet tinsab l-amministrazzjoni ta' aleo solar, u l-104 ħaddiem li ngħataw is-sensja hemmhekk mhumiex inklużi fil-miżuri li għandhom jiġu kofinanzjati mill-FEG.

### **Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti**

#### Benefiċjarji fil-mira

21. L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 476. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji fil-mira	
Sess:	Irġiel:	262	(55.0 %)
	Nisa:	214	(45.0 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	474	(99.6 %)
	Mhux ċittadini tal-UE:	2	(0.4 %)
Grupp ta' età:	15-24 sena:	3	(0.6 %)
	25-29 sena:	42	(8.8 %)
	30-54 sena:	332	(69.7 %)
	55-64 sena:	98	(20.6 %)
	iktar minn 64 sena:	1	(0.2 %)

#### Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

22. L-imsieħba soċjali involuti f'aleo solar AG u aleo solar Dritte Produktion GmbH qablu kmieni fl-2014 fuq pjan soċjali li jinkludi s-servizzi ta' kumpanija ta' trasferiment. L-organizzazzjoni magħżula mill-partijiet ikkonċernati biex tipprovdi s-servizzi tal-kumpanija ta' trasferiment hija BOB Transfer GmbH, li se tkun attiva f'Prenzlau. Il-ħaddiema se jirċievu s-servizzi mill-kumpanija ta' trasferiment mill-11 ta' April 2014. Għall-kuntrarju ta' applikazzjonijiet preċedenti Ġermaniżi, mhux se jkun hemm il-possibbiltà hawnhekk li l-miżuri jinbnew bl-għajnuna ta' kofinanzjament tal-FSE, filwaqt li jkun mistenni l-eżitu tal-applikazzjoni tal-FEG.

23. Il-miżuri kollha li ġejjin jikkombinaw flimkien biex jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mill-kumpanija ta' trasferiment u li huma mmirati biex jintegraw mill-ġdid fl-impjeg il-ħaddiema li ngħataw is-sensja:

– Miżuri ta' taħriġ vokazzjonali (Qualifizierungen): Dawn huma offruti lill-ħaddiema eliġibbli wara t-teħid tal-profilu u intervisti intiżi bħala gwida għall-karriera, u huma maħsuba biex jgħinuhom jibbenefikaw minn opportunitajiet perċepiti fis-suq tax-xogħol. Il-korsijiet ta' taħriġ offruti se jiffokaw fuq setturi bi prospettu futuri, bħal dawk tal-kostruzzjoni, tas-saħħa u l-infermerija, tal-bejgħ bl-imnut, tal-forniment tal-ikel, tat-trasport u tal-loġistika. Il-korsijiet jistgħu jiġu pprovdu individwalment jew fi gruppi, u dawn iwarjaw minn kompetenzi bażiċi (bħal fil-lingwi, l-IT, il-liċenzja tas-sewqan) għal korsijiet ta' titjib tal-ħiliet u

korsijiet li jħejju lill-ħaddiema għal setturi ġodda, inkluż il-ħolqien ta' negozju. Se jiġu ppreparati korsijiet speċjali għat-18-il ħaddiem li ngħataw is-sensja u li għandhom diżabilitajiet varji.

– Gwida u pariri dwar il-karrieri (Berufsorientierung): Dan se jinkludi diversi strumenti innovattivi, bħall-immappjar tal-ħiliet, applikazzjonijiet għal xogħol bil-vidjow, applikazzjonijiet għal xogħol onlajn, u l-idea ta' uffiċju mid-dar. L-istrument tal-immappjar tal-ħiliet ġie żviluppat fil-kuntest tal-inizjattiva tal-Kummissjoni Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda, u dan għandu jgħin lill-ħaddiema biex jiġu evitati d-diskrepanzi fil-ħiliet fl-applikazzjonijiet u fl-impjiegi ġodda potenzjali tagħhom. L-applikazzjonijiet għal xogħol bil-vidjow se jgħinu lill-applikanti biex jippreżentaw lilhom infushom b'mod professjonali u biex jiġu nnotati. L-uffiċċji d-dar jistgħu jagħtuhom opportunitajiet ta' impjieg, peress li l-ispejjeż tal-impjieg għall-impjegaturi potenzjali jitnaqqsu.

– Gruppi ta' pari / workshops: Dawn se jkunu fora fi gruppi meġġuna minn faċilitatur, li jgħin lill-parteciċipanti biex jaqsmu ideat u riflessjonijiet. Il-gruppi ta' pari jistgħu jkunu magħmula f'diversi modi, eż. skont l-età, il-ħtieġa, il-kompożizzjoni tal-familja jew l-esperjenza ta' xogħol preċedenti. Se jitqies il-fatt li madwar 200 parteciċipant għandhom iktar minn 50 sena u qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' ostakoli addizzjonali fit-tfittxija tagħhom għax-xogħol. Bosta koppji u ġenituri singoli huma milquta mill-għeluq, u jistgħu jeħtieġu appoġġ psikoloġiku.

– Pariri dwar l-intraprenditorija (Existenzgründerberatung): Dan se jinkludi servizzi ta' konsulenza esperta għal dawk li jkunu qed jikkontemplaw li jibdew xi negozju. Se jinġiebu intraprendituri ġodda u kreattivi bħala mudelli f'dan l-irwol biex il-ħaddiema li ngħataw is-sensja jiġu mħeġġa u mgħejjuna jiżviluppaw ideat ġodda.

– Pariri interreġjonali (Interregionale Beratung): Dawn se jippruvaw jinkoraġġixxu lill-ħaddiema jfittxu impjiegi f'reġjuni oħra u jistgħu jinkludu żjarat f'fieri tax-xogħol.

– Tfittxija għal impjieg (Stellenresearch): Professionist tat-tfittxija tal-impjiegi (Jobscout) juża l-kuntatti u l-esperjenza tiegħu jew tagħha sabiex isib postijiet tax-xogħol battala potenzjali li għadhom ma ġewx ippubblikati li jafu jkunu adattati għall-ħaddiema eliġibbli. Jistgħu jiġu organizzati avvenimenti li matulhom il-ħaddiema eliġibbli jistgħu jippreżentaw ruħhom għand impjegaturi potenzjali ġodda.

– Mentoraġġ / pariri ta' segwitu (Nachbetreuung/Beratung): Il-ħaddiema jistgħu jibbenefikaw minn aktar gwida u konsulenza wara li jibdew impjieg ġdid, sabiex ir-riskju ta' telf ta' xogħol ikun jista' jiġi minimizzat.

– Mentoraġġ ta' segwitu / salvagwardja tal-impjiegi (Nachbetreuung / Beschaeftigungs-sicherung): Dan huwa partikolarment importanti għal ħaddiema li jidħlu għal impjiegi ġodda f'ċerta distanza mid-dar preċedenti tagħhom u li jafu jkollhom bżonn ta' konsulenza u pariri hekk kif jissetiljaw hemmhekk.

– Benefiċċju għat-taħriġ (Transferkurzarbeitergeld): Dan jammonta għal 60 % tad-dħul nett preċedenti tal-ħaddiema, jew 67 % jekk wieħed jew aktar mit-tfal huma residenti fid-dar tar-riċevitur. Huwa pagabbli għal madwar disa' xhur mid-data meta ħaddiem jidħol mal-kumpanija ta' trasferiment.

24. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar l-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

25. L-awtoritajiet Ġermaniżi taw l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obbligatorji għall-impriżi kkonċernati bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew skont arranġamenti kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se tiegħu post azzjonijiet bħal dawn.

*Baġit stmat*

26. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 1 824 601, li jinkludu nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 1 719 601 u nefqa għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 105 000.
27. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 1 094 760 (60 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Spiża stmata għal kull parteċipant (EUR)*	Spejjeż totali stmati (EUR)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament dwar l-FEG)			
Miżuri ta' taħriġ vokazzjonali (Qualifizierungsmassnahmen)	230	2 512	577 793
Gwida u pariri dwar il-karrieri (Berufsorientierung)	180	370	66 625
Gruppi ta' pari / Workshops	265	559	148 100
Pariri dwar l-intraprenditorija (Existenzgründerberatung)	25	1 225	30 634
Pariri interreġjonali (Interregionale Beratung)	95	364	34 549
Tfittxija għal impjieg (Stellenresearch)	100	683	68 255
Mentoraġġ / gwida ta' segwitu (Nachbetreuung/Beratung)	165	900	148 477
Mentoraġġ ta' segwitu / salvagwardja tal-impjegi (Nachbetreuung / Beschäftigungssicherung)	35	1 237	43 308
Subtotal (a):	–		1 117 741 (65 %)
Benefiċċji u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar l-FEG)			
Benefiċċji għat-taħriġ (Transferkurzarbeitergeld)	403	1493	601 860
Subtotal(b):	–		601 860 (35 %)



Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament dwar l-FEG		
1. Aktivitajiet preparatorji	–	15 750
2. Ġestjoni	–	57 750
3. Informazzjoni u pubbliċità	–	5 250
4. Kontroll u rapportar	–	26 250
Subtotal (c):	–	105 000 (5,75 %)
Spejjeż totali (a + b + c):	–	1 824 601
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)	–	1 094 760

\* Ċifri mogħtija għad-dritt

28. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar l-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. L-awtoritajiet Ġermaniżi kkonfermaw li dawn l-azzjonijiet jiddependu mill-parteciċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fl-aktivitajiet ta' tiftix ta' impjeg jew taħriġ.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

29. L-awtoritajiet Ġermaniżi bdew jipprovdu s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fil-11 ta' April 2014. Għalhekk, in-nefqa fuq l-azzjonijiet imsemmijin taħt is-subtotali (a) u (b) fit-tabella ta' hawn fuq għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-11 ta' April 2014 sad-29 ta' Lulju 2016.
30. L-awtoritajiet Ġermaniżi bdew iġarrbu n-nefqa amministrattiva sabiex jimplimentaw l-FEG fil-1 ta' Marzu 2014. Għaldaqstant, in-nefqa għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar, jiġifieri s-subtotali (c) fit-tabella ta' hawn fuq, għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Marzu 2014 sad-29 ta' Jannar 2017.

Komplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

31. Is-sorsi ta' prefinanzjament u ta' kofinanzjament nazzjonali huma l-baġit Federali u l-Bundesagentur für Arbeit (l-Aġenzija Federali tax-Xogħol). Dawn jiffinanzjaw 40 % bħala l-kontribuzzjoni nazzjonali, u jistgħu jibdeu il-prefinanzjament tal-miżuri ladarba dawn ikunu biżżejjed kunfidenti li l-fondi tal-FEG huma probabbli li se jseħħu.
32. L-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhumiex se jirċievu wkoll għajna minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew l-imsieħba soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

33. L-awtoritajiet Ġermaniżi indikaw li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mal-rappreżentanti tal-benefiċjarji fil-mira. Wara dawn il-konsultazzjonijiet, fit-12 ta' Ġunju 2014, il-Ministeru Federali għall-Impjegi u l-Affarjiet Soċjali, flimkien mal-Aġenzija Federali tax-Xogħol u l-Kumpanija tat-Trasferiment, ippreżenta l-pakkett ta' servizzi personalizzati ppjanat lir-rappreżentanti tal-benefiċjarji fil-mira u rċieva l-approvazzjoni tagħhom dwar il-kontenut u d-dettalji.

## Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

34. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tiġi amministrata mill-istess entitajiet fi ħdan il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali (Bundesministerium für Arbeit und Soziales) li jamministraw l-FSE. Madankollu, fi ħdan il-"Gruppe Europäische Fonds für Beschäftigung", huwa r-"Referat EF 4" li jaġixxi bħala l-awtorità maniġerjali għall-FEG, waqt li l-awtorità maniġerjali għall-FSE hija r-"Referat EF 1". L-"Organisationseinheit Prüfbehörde" hija l-awtorità ta' kontroll kemm għall-FEG kif ukoll għall-FSE. Dawn l-entitajiet amministraw ukoll il-kontribuzzjonijiet preċedenti mill-FEG lill-Ġermanja.

## Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

35. L-awtoritajiet Ġermaniżi pprovdew il-garanziji kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
- il-prinċipji ta' ugwaljanza tat-trattament u nondiskriminazzjoni se jiġu rrispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u l-implimentazzjoni tagħhom;
  - inżammet konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar sensji kollettivi;
  - meta l-impriżi li jkunu taw is-sensja jkomplu l-attivitajiet tagħhom wara t-tkeċċijiet, huma jkunu kkonformaw mal-obbligi legali tagħhom li jirregolaw l-għotjiet tas-sensja u jkunu pprovdew għall-ħaddiema tagħhom kif xieraq;
  - l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni u se jiġi evitat kwalunkwe finanzjament doppju;
  - l-azzjonijiet proposti se jkunu kumplimentari ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali;
  - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-ġhajjnuna mill-Istat.

## IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

### Proposta baġitarja

36. L-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>8</sup>.
37. Wara li studjat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament dwar l-FEG, u wara li qieset in-numru ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni tipproponi li l-FEG jiġi mobilizzat għall-ammont ta' EUR 1 094 760, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
38. Id-deċizzjoni proposta biex jiġi mobilizzat l-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stipulat fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-

<sup>8</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f' materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>9</sup>.

#### **Atti relatati**

39. Filwaqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat l-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment ta' ammont ta' EUR 1 094 760 fl-intestatura baġitarja rilevanti.
40. Filwaqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat l-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni fuq kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mobilizzat l-FEG.

---

<sup>9</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2014/014 DE/Aleo Solar)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006<sup>10</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>11</sup>, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) kien stabbilit biex isostni lill-ħaddiema li jkunu nġhataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li jkunu waqqfu l-attività tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009<sup>12</sup>, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
- (3) Il-Ġermanja ssottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji<sup>13</sup> f'aleo solar AG u żewġ sussidjarji fil-Ġermanja, fid-29 ta' Lulju 2014 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali kif previst fl-Artikolu 8.3 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stipulat fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

<sup>10</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

<sup>11</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>12</sup> ĠU L 167, 29.6.2009, p.26.

<sup>13</sup> Skont it-tifsira tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament dwar l-FEG.

- (4) Għaldaqstant, l-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 1 094 760 għall-applikazzjoni ssottomessa mill-Ġermanja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015, l-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdri l-ammont ta' EUR 1 094 760 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*